ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 618**

**It-Tnejn 29 ta' Settembru, 2025**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar fis-6.08 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Mark Grech – Kunsillier
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Martina Baldacchino - Kunsilliera
Carlo Scicluna - Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier
Patrick Barbara – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Marc Vella Bonnici – Viċi Sindku
Leone Sciberras – Kunsillier
Toshera Schembri – Kunsilliera

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**618.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji**

618.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mill-Viċi Sindku u mis-Sinjorina Toshera Schembri fejn talbu li jkunu skużati milli jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjorina Martina Baldacchino, il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi Sindku u s-Sinjorina Toshera Schembri jkunu skużati.

**618.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

618.2.1 Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sinjorina Martina Baldacchino, il-minuti tas-617-il laqgħa ġew unanimament approvati.

618.2.2 Fis-6.11 is-Sur Joseph Buttigieg daħal għal-laqgħa.

**618.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

618.3.1 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill ġie mitlub mill-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq biex jagħti isem għal triq mingħajr isem fi Triq San Leonard. Is-Sindku qal illi din it-triq kienet tinsab wara l-klabb tal-boċċi ta' St Peter. Is-Sur Mark Grech spjega li kien xieraq li din it-triq tingħata l-isem Triq il-Likk peress li l-kelma likk hija marbuta direttament mal-logħba tal-boċċi. Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sur Carlo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata l-isem Triq il-Likk.

618.3.2 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti illi l-applikazzjoni tal-Kunsill SPI.SCI.04.2025 - Espressjoni ta' Interess - Milied 2025 kienet ġiet aċċettata. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien ser jingħata għajnuna finanzjarja ta' €14,662.50.

618.3.3 Is-Sindku spjega li bħalissa l-Kunsill kien għaddej bil-preparamenti għall-attività relatata mal-50 anniversarju mill-waqgħa tal-ajruplan Vulcan, filwaqt li għandu wkoll l-obbligu li jorganizza l-attività *Zabbar Street Festival* u l-attività tal-Milied. Is-Sindku żied jgħid li fix-xahar ta' Ottubru ser isiru diversi avvenimenti nazzjonali u reġjonali bħal *Bonġu Malta* li ser isir fis-26 ta' Ottubru, *Birgu by Candlelight*, *Notte Bianca* u attività fil-Park ta' San Klement imsejħa *Dawra Durella*, li kollha kemm huma ser iseħħu fl-istess perjodu. Minħabba n-numru ta' attivitajiet li ser isiru fl-istess żmien u l-impenn tal-kuntratturi, is-Sindku qal li kien qed isib diffikultà biex jorganizza *ż-Żabbar Street Festival*, li kienet ippjanata ssir fis-26 ta' Ottubru 2025 Għaldaqstant, talab l-approvazzjoni tal-membri preżenti sabiex iressaq talba formali lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jingħata permess sabiex l-attività tiġi posposta u ssir matul ix-xhur ta' Jannar jew Frar 2026. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill approva unanimament li jitlob l-approvazzjoni tad-Dipartiment sabiex id-data tal-attività marbuta mal-iskema SPI.SCI.02.2025 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025-2026 tiġi posposta għal perjodu fil-futur.

618.3.4 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li bħalissa l-Kunsill qiegħed jagħmel diversi xogħlijiet ta' manutenzjoni, fosthom *patching* estensiv fi Triq l-Għakrux, fi Triq Dun

Frans Buhagiar u fi Triq iċ-Ċimiterju, fejn se titneħħa wkoll *road hump* u tneħħija ta' *road hump* oħra minn Triq il-Bikri. Is-Sindku qal li fil-jiem li ġejjin se ssir laqgħa mal-kuntrattur responsabbli mix-xogħlijiet ta' tisbieħ fi Ġnien il-Mistrieħ sabiex il-proġett jibda bl-implimentazzjoni tiegħu. Barra minn hekk, se ssir ukoll laqgħa teknika mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet bil-għan li jitnieda x-xogħol preliminari għat-twaħħil tal-arbli tad-dawl fl-istess *playing field*, skont il-*Memorandum* ta' Ftehim li ġie ffirmat ma' dan id-Dipartiment. Is-Sindku żied jgħid li qabel jibda x-xogħol ta' tisbiħ fil-bandli ta' Ġnien il-Mistrieħ, huwa meħtieġ li jitlesta l-ipproċessar tad-dokumenti kollha mitluba mill-Awtorità tal-Ippjanar, peress li l-proġett ser jitwettaq permezz tal-fondi tal-*Planning Funds*. Is-Sindku kkonferma wkoll li fil-jiem li ġejjin se ssir laqgħa mal-kuntrattur responsabbli mir-restawr tal-faċċata tal-Mużew tas-Santwarju u tal-ħajt taċ-Ċimiterju, sabiex jibda l-proċess ta' restawr, proġett li se jkun iffinanzjat permezz tal-fondi tal-LESA. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lill-membri preżenti li l-kuntrattur għad irid jippreżenta l-garanzija bankarja sabiex eventwalment ikun jista' jiffirma l-kuntratt kif mitlub.

618.3.5 Is-Sindku spjega li għadu qed jaħdem sabiex tinstab soluzzjoni għall-problema marbuta mal-kontinwazzjoni tax-xogħol ta' manutenzjoni fil-*playing field* Ġnien Tamara Psaila, minħabba li l-kuntrattur magħżul sabiex jagħmel il-*fencing* tal-ħadid madwar il-*pitch* tal-futbol spiċċa mingħajr ħaddiema, hekk kif il-materjal diġà huwa mixtri. Rigward l-aġġornament dwar il-kameras tas-CCTV madwar il-*bring-in sites*, is-Sindku qal li dawn kienu għenu biex tiġi solvuta l-problema ta' rimi illegali ta' skart f'dawn il-postijiet. Il-kameras huma mqabbda direttament mal-LESA, u fejn jinstabu abbużi qed jinħarġu t-taħrikiet. Fejn hemm kameras oħra, bħalissa qed isir eżerċizzju flimkien mal-LESA biex jiġi determinat jekk l-abbuż hux qed isir mill-kollettur jew inkella minn xi resident. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li d-dħul miksub mill-Kunsill mit-taħrikiet matul is-sena li għaddiet kien jammonta biss għal €4.66, u li dan jikkostitwixxi telf meta wieħed iqies l-ispiża fissa tal-*internet* li jitħallas mill-Kunsill kull xahar għall-operat ta' dawn il-kameras.

618.3.6 Rigward iż-*zebra crossing* li kien semma l-Kaptan Patrick Barbara, is-Sindku spjega li din kienet ser tkun mgħammra b'sistema solari għall-illuminazzjoni tagħha, iżda għad hemm bżonn jiġi stabbilit it-tip ta' batterija li għandha tintuża. Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarkat li fuq iż-*zebra crossing* indikata mill-Kaptan Barbara għad jonqos ukoll li ssir id-*drop kerb* tal-bankina sabiex tkun aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità. Il-Kaptan Barbara sostna li l-fatt li bħalissa m' hemmx *zebra crossing* qed joħloq riskju serju u li kwalunkwe dewmien jista' jwassal għal xi inċident. Is-Sindku qal li l-Kunsill għadu qed jistenna lill-ħaddiema tar-Reġjun Port sabiex iwettqu dan ix-xogħol, filwaqt li l-kuntrattur tal-Kunsill bħalissa qiegħed impenjat f'xogħlijiet oħra, fosthom irranġar tal-bankina fi Triq is-Santwarju fejn ser titwaħħal il-plakka kommemorattiva marbuta mal-50 anniversarju mill-waqgħa tal-ajruplan Vulcan. Is-Sindku żied jgħid li qabel jibdew ix-xogħlijiet fl-isqaqien ta' wara l-knisja, kien ser jitlob lill-istess kuntrattur jagħmel id-*drop kerb* meħtieġa fi Triq tal-Labour. Il-Kaptan Barbara qal li bħalissa m'hemmx biżżejjed wisgħa sabiex jgħaddi *wheelchair* għax il-bankina ma kinitx wiesa' biżżejjed. Is-Sindku qal li kien hemm spazju fejn tista' issir *drop kerb* man-naħa tal-parkeġġ.

## 618.4 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

618.4.1 Is-Sur Joseph Agius irrefera għall-kont relatat mal-ilma u staqsa jekk kienx hemm ħela ta' ilma peress li l-kont kien jammonta għal €1,800. Is-Sur Agius staqsa wkoll għaliex għall-mili tal-ġibjun tal-ilma fi Ġnien il-Kunsill inġieb kuntrattur differenti. Is-Sindku spjega li kont minnhom kien jirrigwarda l-mili tal-ġibjun fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa u kont ieħor kien jirrigwarda l-mili tal-ġibjun fi Ġnien il-Kunsill, u żied jgħid li huwa normali li l-Kunsill jitlob is-servizz ta' individwi differenti għal dawn is-servizzi. Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarkat li kienet se tagħmel kuntatt ma' Infrastruttura Malta sabiex tistaqsi jekk hux normali l-ħtieġa li jimtela l-ġibjun ta' Triq il-Kunsill tal-Ewropa b'dik il-frekwenza. Is-Sindku kkonferma li matul ix-xhur tas-sajf huwa normali li s-siġar li hemm f'din it-triq jikkunsmaw ammont sostanzjali ta' ilma permezz tas-sistema ta' irrigazzjoni eżistenti. Is-Sur Carlo Scicluna qal li fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa kien qed jinħela ħafna ilma. Is-Sindku qal li l-ilma li qed jirreferi għalih is-Sur Scicluna kien tan-*New Water* u m'għandux x'jaqsam mal-ilma tal-ġibjun.

618.4.2 Is-Sur Scicluna talab ikun jaf ta' xix kien il-kont tar-*running tops*. Is-Sindku qal li dik l-ispiża hija relatata mal-attività tal-5K. Is-Sur Carlo Scicluna irrefera għall-kont relatat mas-suffett fil-latrina pubblika fi Ġnien il-Kunsill u osserva li, fl-opinjoni tiegħu, l-ammont ta' dan il-kont kien jidher għoli. Is-Sindku qal li x-xogħol huwa ta' żewġ suffetti, tal-latrina tan-nisa u tal-latrina tal-irġiel.

618.4.3 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn is-27 t' Awwissu 2025 u d-29 ta' Settembru 2025 li kienet tammonta għal €65,329.32.

618.4.4 Fis-6.34 is-Sur Joseph Buttigieg informa lill-membri preżenti li s-Sur Leone Sciberras kien bagħat jinforma lill-Kunsill sabiex ikun skużat minħabba li ma setax jattendi għal din il-laqgħa. Fuq proposta tas-Sur Buttigieg, li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Sciberras ikun skużat.

## 618.5 Deċiżjoni dwar il-kuntratti:

- **Kuntratt għall-manutenzjoni ta' toroq u xogħlijiet maġġuri ta' traqqiegħ li jagħtu aċċess u aċċess biss f'Ħaż-Żabbar (ZLC 2/2023)**

618.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l l-kuntratt għall-manutenzjoni ta' toroq u xogħlijiet maġġuri ta' traqqiegħ li jagħtu aċċess u aċċess biss f'Ħaż-Żabbar (ZLC 2/2023) li għandu mal-kumpanija *S Spagnol Construction Limited*, kien ser jiskadi u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Martina Baldacchino, il-Kunsill qabel unanimament li jerġa' iġedded dan il-kuntratt għal sentejn oħra addizzjonali bl-istess rati u kundizzjonijiet.

## 618.6 Stedina għal Tiġdid tal-Ħbiberija ma' Montgeron

618.6.1 Is-Sindku rrefera għall-istedina li kienet saret minn Montgeron. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li, skont l-obbligi finanzjarji, in-nefqa marbuta mal-ġemellaġġ ma tistax taqbeż l-ammont ta' €3,500 jew 0.5% tal-allokazzjoni annwali,

skont liema minnhom ikun l-ogħla. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li għal din is-sena, billi l-pajjiżi ġemellati mal-Kunsill ma ġewx Malta, il-limitu tan-nefqa għadu ma ntlaħaqx. Madankollu, qalet li jekk is-sena d-dieħla l-Kunsill jiddeċiedi li jżur Eschborn u Povoa de Varzim u fl-istess waqt jistieden id-delegazzjoni Franċiża minn Montgeron għall-festi tal-lokal, l-ammont stipulat mil-liġi ma jkunx biżżejjed biex ikopri dawn l-ispejjeż u l-Kunsill ma jistax jaqbeż dan il-limitu. Għaldaqstant irrimarkat li l-Kunsill għandu jikkunsidra b'serjetà dawn iċ-ċirkustanzi qabel jikkonferma l-attendenza tiegħu f'Montgeron. Is-Sindku qal li l-Kunsill ilu s-snin minn mindu żar Montgeron. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret li fil-passat, minħabba l-*memo* dwar il-limiti ta' nefqa fuq il-ġemellaġġi, il-Kunsill kien naqqas l-ivvjaġġar tiegħu. Is-Sindku qal li ma jaħsibx li dawn iż-żjarat kienu ser japplikaw kull sena. Is-Sinjura Anna Calleja qalet li l-Kunsill għandu jsegwi u jara kif tiżviluppa l-ħbiberija ma' Montgeron. Is-Sindku kompla billi qal li, jekk il-Kunsill jaqbel, delegazzjoni minn Malta għandha iżżur Montgeron u staqsa lill-membri preżenti jekk humiex interessati li jmorru. Fuq proposta tas-Sindku, li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva unanimament li jaċċetta l-istedina ta' Montgeron u d-delegazzjoni tkun komposta mis-Sindku, mis-Sur Joseph Agius u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 618.7 Ċir Reġjun Port 08/2025 *Regions Open Week Brussels*

618.7.1 Is-Sindku rrefera għaċ-ċirkulari tar-Reġjun Port 08/2025 *Regions Open Week* ġewwa Brussel u nforma lill-membri preżenti li ser jattendi għal dan l-avveniment f'Ottubru li ġej. Is-Sindku spjega li r-Reġjun offra li jkopri l-ispiża tal-biljetti tal-ajru. Peress li din l-ispiża ser tkun ffinanzjata mir-Reġjun, huwa ressaq talba lill-Kunsill sabiex jitħallas il-*Per Diem Allowance* skont iċ-Ċirkulari tal-Ministeru tal-Finanzi, għal lejl wieħed biss. Fuq proposta tas-Sinjorina Martina Baldacchino, li ġiet issekondata mis-Sur Carlo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jħallas il-*Per Diem Allowance* ta' lejl wieħed biss kif mitlub mis-Sindku.

### 618.8 Tiżjin tal-Milied

618.8.1 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti dwar il-pjanijiet għall-armar u t-tiżjin tal-Milied u spjega li l-pjan hu li jiġu ntrodotti disinni ġodda fi Triq il-Kbira u jitkomplew id-disinni fi Triq is-Santwarju, peress illi kien hemm xi ventijiet vojta, b'mod partikolari fiż-żona ta' Santa Rita. Is-Sindku qal li d-disinni eżistenti kienu ġew armati madwar ħames snin ilu, iżda s-sena l-oħra ma reġgħux ġew armati minħabba nuqqas ta' kompatibbiltà fid-dawl dekorattiv. Is-Sindku spjega li ser jinxtraw dwal ġodda għal dawn iż-żoni u li l-ħaddiema tar-Reġjun kienu se jaħdmu d-dekorazzjonijiet tat-tiżjin sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż. Is-Sindku żied jgħid li kienet ser tinħadem siġra tal-Milied ġdida ta' madwar 40 pied u għal din is-sena ser titqiegħed fir-*roundabout* il-ġdida fi Triq tal-Labour, iżda ser tkun iddisinjata biex meta jitlesta l-monument tal-Granmastru Ferdinand Von Hompesch tiġi trasferita għall-ex-venda ta' Ħaż-Żabbar jew għal Misraħ tal-Madonna Medjatriċi. Is-Sinjura Anna Calleja ssuġġeriet li jsir dawl dekorattiv fi Triq il-Kunvent, partikolarment quddiem il-Kunsill. Is-Sindku rrimarka li l-armar dekorattiv tal-Milied jinvolvi spejjeż kbar, mhux biss ix-xiri tal-materjal iżda wkoll il-ħlas tal-armar. Is-Sinjura Anna Calleja talbet biex li l-Kunsill jikkonsidra jżejjen il-faċċata tal-Kunsill. Is-Sindku qal li, minbarra Triq is-Santwarju, il-Kunsill ser iżejjen ukoll iż-żoni tal-

*Housing Estate*, iż-żona ta' tal-Plier, Triq il-Kbira u r-*roundabout* fejn hemm il-momument ta' Agatha Barbara. Is-Sindku kompla jispjega li minbarra l-ispejjeż tal-kuntrattur hemm ukoll spiża ta' €3,000 li trid tinqasam bejn l-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel, is-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ u l-Grupp Armar tal-Festa. Is-Sindku żied jgħid li kienet għaddejja diskussjoni dwar jekk is-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ hux ser tarma l-armar fi Triq l-Immakulata Kunċizzjoni jew minflok isir l-armar ta' Triq Bormla jew Triq Hompesch. Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk l-armar ta' Triq is-Santwarju kienx mixtri mill-Kunsill. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv. Is-Sindku spjega li ż-żona ta' Triq l-Inħasa ser tibqa' tiġi armata mis-sid tas-supermarket li hemm fl-istess triq kif dejjem sar, filwaqt li fiż-żona ta' Sant'Andrija, fejn normalment it-tiżjin isir mill-Kunsill, bħalissa qed isir koordinament mill-ħwienet sabiex dawn jarmawha huma stess. Is-Sindku żied jgħid li kien qed jiddiskuti mal-kuntrattur tat-tiżjin sabiex jintuża l-istess *set-up* ta' Triq is-Santwarju fi Triq Villabate, fejn l-armar jitwettaq mis-sidien tal-ħwienet. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Carlo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament nefqa totali ta' €20,000 għall-ispejjeż kollha relatati mat-tiżjin tal-Milied u li tlett elef minnhom ser jiġu rkuprati mill-iskema tal-Milied. Is-Sindku qal li jekk jibqa' fondi mill-baġit allokat, dawn ser jintużaw għall-armar u t-tiżjin tal-faċċata tal-Kunsill.

618.8.2 Is-Sur Joseph Agius issuġġerixxa li jiġu organizzati kompetizzjonijiet għall-isbaħ faċċata mżejna bit-tiżjin tal-Milied u l-isbaħ presepju. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius, li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li tiġi organizzata din il-kompetizzjoni u li l-organizzazzjoni tiġi mmexxija mis-Sur Joseph Agius, mis-Sinjura Anna Calleja u mis-Sinjorina Martina Baldacchino.

**618.9 Programm Vulcan - 50 sena Anniversarju**

618.9.1 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li fl-14 ta' Ottubru 2025 ser jiġu organizzati żewġ attivitajiet biex jiġi mfakkar il-50 anniversarju mill-waqgħa tal-ajruplan Vulcan, waħda filgħodu u oħra wara nofsinhar. Is-Sindku spjega li filgħodu ser issir attività edukattiva għat-tfal tal-iskola fejn ser jipparteċipaw il-Pulizija u d-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. Is-Sur Grech kompla jispjega li hemm il-ħsieb li jinħadem mudell ta' ajruplan bil-kartapesta biex isir *re-enactment* tal-avveniment u waqt din l-attività ser jitnieda wkoll il-ktieb Ġrajjiet Żabbarin. Wara nofsinhar, mill-4.30 'l quddiem, ser issir ċerimonja kommemorattiva fi Triq is-Santwarju li ser tinkludi delegazzjoni tar-*Royal Air Force* ta' madwar 70 persuna, b'attività bilqiegħda għal madwar 200 mistieden fosthom Ministri, personalitajiet distinti u r-rappreżentanti li ħadmu d-dokumentarju dwar il-Vulcan. Il-programm ser jinkludi intervisti, interventi ta' diskors, kif ukoll il-wirja ta' parti mid-dokumentarju. Wara jsir tqegħid ta' fjuri fuq il-mafkar li qed jinbena fil-kantuniera ta' Triq is-Santwarju ma' Triq Santa Tereża, u qed jiġi kkoordinat sabiex il-mafkar jiġi mbierek mill-Arċisqof ta' Malta. Għal din l-attivita' ser jiġi mistieden il-Prim Ministru ta' Malta kif ukoll l-Eċċellenza tagħha l-President ta' Malta. Ser jitqiegħed ukoll bukkett fjuri quddiem l-istatwa tal-Madonna tal-Grazzja fi Triq is-Santwarju ma' Triq il-Kbira, minn membru tal-familja tal-vittma. Il-programm ser ikun strutturat b'dan il-mod: mill-4.30 ta' wara nofsinhar sal-5.30 ta' wara nofsinhar attività bilqiegħda, mill-5.30 ta' wara nofsinhar sas-5.45 ta' wara nofsinhar tqegħid ta' kuruni u fjuri bħala rikonoxximent għall-membri tal-ekwipaġġ tal-ajruplan Vulcan u l-vittma Żabbarija;

mis-5.45 ta' wara nofsinhar sas-6.15 ta' filgħaxija parata tal-membri tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili u tal-Pulizija akkumpanjati b'*fly past* minn ajruplan tar-*Royal Air Force*; fis-6.30 ta' filgħaxija issir quddiesa fil-Knisja Arċipretali u Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja bħala parti mill-attivitajiet reliġjużi, u wara ser isir riċeviment fil-Mużew tas-Santwarju. Is-Sindku qal li għadu qed jistenna risposta formali biex tiġi kkonfermata jekk hux permessibbli li tindaqq il-fanfarra waqt iċ-ċerimonja, u f'dan il-kuntest is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-possibbiltà li jieħdu sehem iż-*Zabbar Scout Group*. Is-Sindku spjega li qed jistenna kjarifika dwar jekk jistax jintuża daqq ta' *drums* mill-Scouts jew daqq ta' kurunetti mill-każini. Il-Kaptan Patrick Barbara nforma lill-membri preżenti li f'okkażjonijiet ta' dan it-tip normalment tindaqq il-*Last Post and Reveille*. Is-Sur Carlo Scicluna staqsa min kien ser jorganizza l-attività. Is-Sindku ċċara li din l-attivita' ser tiġi organizzata mill-Kunsill u li s-somma ta' €5,000 ser ikunu ffinanzjati mir-Reġjun bil-kollaborazzjoni mal-Ministeru għall-Intern. Is-Sur Carlo Scicluna talab kopja tal-programm. Is-Sindku qal li l-programm kien għadu qed jiġi ffinalizzat minħabba li kien qed jistenna risposta mill-Ministeru għall-Intern sabiex jikkonfermaw il-kollaborazzjoni tagħhom u x'tip ta' għajnuna ser ikunu qed jagħtu matul din l-attività Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Carlo Scicluna il-Kunsill qabel unanimament li l-ispiża marbuta ma' din l-attività għandha tkun ta' €5,000 VAT inkluż u li din l-ispiża ser tiġi rkuprata mir-Reġjun Port permezz tal-finanzjament li dwaru l-Kunsill kien diġà qabel f'laqgħa preċedenti.

618.9.2 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li RAF Waddington ser torganizza programm fl-Ingilterra biex ifakkar il-50 anniversarju mil-waqgħa tal-ajruplan Vulcan, u li kien irċieva stedina għal delegazzjoni ta' 15 il-persuna minn Malta biex tattendi għal din l-attivita'. Is-Sindku esprima l-interess tiegħu biex jattendi u qal li kien ser jaċċetta l-istedina. Is-Sindku staqsa lill-membri preżenti jekk kienx hemm xi ħadd interessat li jattendi.

618.9.3 Fis-7.20 ta' filgħaxija is-Sur Mark Grech talab li jkun skużat.

618.9.4 Is-Sindku talab lil Kunsill iħallas l-ispejjeż tiegħu relatati mat-titjira. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Carlo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament jħallas il-passaġġ tal-ajru biex is-Sindku jkun parti mid-delegazzjoni fl-Ingilterra.

## 618.10 Talba għal rimbors dwar ħsarat fil-vetturi

618.10.1 Ma kienx hemm talbiet għal-rimbors.

## 618.11 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

618.11.1 Is-Sur Joseph Buttigieg qal li d-dawl tat-triq fi Pjazza Medjatriċi kien maqtugħ.

618.11.2 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li fi Triq Lia kien hemm dinghi mitluq fit-triq.

618.11.3 Is-Sinjura Anna Calleja lmentat li l-bankini li qed isiru minn Infrastruttura Malta kienu qed isiru b'livelli mhux uniformi. Is-Sindku qal li minħabba l-entraturi tal-garaxxijiet il-bankieni ma jistgħux isiru mod ieħor.

618.11.4 Is-Sinjura Anna Calleja ressqet ilment li kienet irċeviet dwar boroż ta' skart li tħallew ħdejn il-kamra tad-dawl fi Triq San Leonardu. Is-Sinjura Calleja lmentat ukoll li l-kuntrattur tal-ġbir ta' skart kien qed igeddeż il-boroż u ma jiġboromx. Il-Kaptan Patrick Barbara qal li anke huwa kellu lmenti simili u żied jgħid li din kienet qed tiġri ta' spiss. Is-Sindku qal li mhux l-ewwel darba li fil-boroż ikun hemm skart goff u mhux skart domestiku u li għalhekk ma kienux qed jinġabru mil-kuntrattur tal-iskart.

618.11.5 Is-Sur Carlo Scicluna semma l-ħtieġa li ssir zebra crossing fi Triq ix-Xgħajra fil-viċinanzi ta' Triq l-Iskola. Is-Sindku qal li din il-kwistjoni diġa ġiet diskussa diversi drabi u spjega li ma hemmx spazju fejn issir zebra crossing f'din il-parti tat-triq.

618.11.6 Is-Sur Joseph Agius talab aġġornament dwar il-proġett tad-dar tal-anzjani. Is-Sindku qal li bħalissa kienu qed isiru laqgħat mal-Perit tal-Kunsill biex jiġu finalizzati d-dokumenti neċessarji. Is-Sindku żied jgħid li kienet saret l-oġġezzjoni uffiċjali kontra l-żvilupp propost ta' dar tal-anzjani fi Triq Wied il-għajn, f'żona barra mill-iżvilupp.

**618.12 Mozzjonijiet**

618.12.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**618.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;**

618.13.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 27 ta' Ottubru, 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

618.13.2 Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-619-il laqgħa li saret nhar it-Tnejn 27 ta' Ottubru, 2025.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku